TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 221/11 (JE).

Oliver Calleja

vs

Melita p.l.c.

Illum, 31 ta' Mejju 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Oliver Calleja tat-13 ta' Mejju 2011 fejn talab il-kumpens ta' € 550 li soffra bħala danni minħabba ħsara illi kellu fit-telefon tiegħu, liema ħsara s-soċjetà konvenuta damet biex issewwi minkejja illi kienet taf biha.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha rrespinġiet it-talbiet attriċi in toto.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attur qed jagħmel ħafna lmenti imma jidher biċ-ċar illi huwa ffirma kuntratt għal sentejn mas-soċjeta' konvenuta għal bundle ta' servizzi. Għaldaqstant, l-insistenza tal-attur illi huwa kellu jieħu dawn is-servizzi mingħajr ir-rabta ta' sentejn ma treġġiex, aktar u aktar meta hu ngħata l-opportunita' illi jerġa lura minn dan il-kuntratt. Mill-banda l-oħra, l-attur ma offra l-ebda prova tanġibbli tad-danni illi allegatament soffra minħabba l-ħsara teknika illi seta' kien hemm fis-servizz tat-telefonija.

It-Tribunal iħoss illi l-attur ma kkomportax ruħu sew f'dawn il-proċeduri u jħoss illi l-iskop tiegħu jidher illi kien unikament illi jakkwista xi ħaġa mingħand il-kontro-parti u m'hux illi jakkwista rimedju għal xi nuqqas illi huwa bħala konsumatur seta' jsoffri. Dan l-atteġjament m'huwiex aċċettabli u m'huwa xejn ħlief abbuż tas-sistema ġudizzjarja.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888